MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 651/2014

**GO p.l.c. (C 22334) f'isimha proprju**
**u a nom u in rapprezentanza tas-Socjeta'**
**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**vs**

**Hathaway Keith**
**ID 65863 A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici iddikjarat illi s-Socjeta' kummercjali GO p.l.c. (C22334) ta' Triq Fra Diegu, Marsa, li qed tidher f'isimha proprju kif ukoll a nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Mobisle Communications Limited (C24655) kif debitament awtorizzata, tinterpellak sabiex thallas is-somma ta' elfejn tmien mija tmienja u tletin ewro u hamsin

centezmu (€2,838.50c), ammont dovut lill-istess Socjeta’ mittenti in kwantu ghal seba’ mija hamsa u tletin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€735.51c) in konnessjoni ma’ Bundle Service Agreement Home Pack Interactive (AC40230107), flimkien ma’ elfejn mija u zewg ewro u disgha u disghin centezmu (€2,102.99c) in konnessjoni ma’ 79772161 (AC40241851), flimkien mal-ispejjez, imghaxijiet u drittijiet legali.

Illi interpellat sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali 425/14, u bl-imghaxijiet legali sa mit-13 ta’ Marzu, 2014, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti li gew pprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok. A sa Dok. E.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn tmien mija tmienja u tletin ewro u hamsin centezmu (€2,838.50c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------